

21995D0413(05)

L 83/46

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

13.4.1995

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 15/95

ta' l-24 ta' Frar 1995

**li temenda l-Anness II (Regolamenti, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni tekniċi) għall-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li Jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala l-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi l-Anness II għall-Ftehim ġie l-aħħar emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 9/95 tas-27 ta' Jannar 1995 li temenda l-Anness II (Regolamenti, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni tekniċi) għall-Ftehim taż-ŻEE <sup>(1)</sup>;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1488/94 tat-28 ta' Ġunju 1994, li jstabbilixxi l-prinċipji għall-istima tar-riskji għall-bniedem u għall-ambjent ta' sostanzi eżistenti bi qbil mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 <sup>(2)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt il-ġdid li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 12e (Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93) tal-Kapitolu XV ta' l-Anness II għall-Ftehim:

“12f. **394 R 1488:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ġunju 1994, li jstabbilixxi l-prinċipji għall-istima tar-riskji għall-bniedem u għall-ambjent ta' sostanzi eżistenti bi qbil mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 (ĠU L 161, tad-29.6.1994, p. 3).”.

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1488/94 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li huma annessi għall-verżjonijiet tal-lingwi rispettivi ta' din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' April 1995, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fl-24 ta' Frar 1995.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

G. J. L. AVERY

<sup>(1)</sup> ĠU L 47, tat-2.3.1995, p. 29.

<sup>(2)</sup> ĠU L 161, tad-29.6.1994, p. 3.